MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 719/2005

**Coloured Cement International Limited (C–23926).**

**vs**

**Terrance Brett Lanchlan (Karta ta' l-Identita` Franciza bin-numru 4803000714) li b'nota datata 30 ta' Awissu 2005 assuma personalment l-atti tal-kawza; u RFR Limited (C- 28691).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 5 ta' Awwissu 2005 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi l-konvenut Terrence Brett Lachlan, ezercenti l-kummerc taht l-isem tad-ditta estera Beton Décor France,

kien ghal diversi snin jinnegozja fl-esteru bi prodotti tas-socjeta` attrici taht licenzja lilu konnessa mill-istess socjeta` attrici u li baqghet tiggedded sal-31 ta' Dicembru 2004.

Illi, billi sa eghluq l-imsemmi negozju, l-istess konvenut kien lahaq debitur tas-socjeta` attrici fis-somma ta' erbghin elf, seba' mija u erbgha u tmenin punt tnejn u sittin Ewro (€40,785.62), rapprezentanti l-bilanc kumplessiv tal-valur ta' prodotti lilu mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta` attrici, u dan kif jirrizulta minn rendikont illi hejja l-istess konvenut (Dokument "A").

Illi, billi fil-frattemp, l-istess konvenut Lachlan kien, bil-kunsens u f'isem u in rapprezentanza tas-socjeta` attrici, ivversa s-somma ta' hamsa u tletin elf seba' mija u erbgha u sittin punt erbgha u hamsin Ewro (€35,764.54) favur is-socjeta` konvenuta RFR Limited, sabiex l-istess socjeta` konvenuta tapplika l-istess somom versati fl-akkwist ta' proprjeta` immobbiljari fl-esteru (Dokument "B" sa "D") liema somma kumplessiva l-istess konvenut Lachlan kellu allura, kif miftiehem mas-socjeta` attrici, inaqqas il-bilanc kumplessiv dovut minnu personalment kif hawn fuq premess.

Illi *nonostante* interpellati sabiex jersqu ghall-hlas tad-debiti dovuti rispettivament minnhom, il-konvenuti baqghu inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta RFR Limited thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamsa u tletin elf seba' mija u erbgha u sittin punt erbgha u hamsin Ewro (€35,764.54), jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, rapprezentanti kif is-somma jew somom versati mis-socjeta` attrici favur l-imsemmija socjeta` konvenuta kif hawn fuq spjegat;

2. Tikkundanna lill-konvenut Terrence Brett Lachlan li jhallas lis-socjeta` attrici s-somma bilancjali ta' hamest

elef wiehed u ghoxrin punt tmienja Euro (€5,021.08), jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, rapprezentanti l-bilanc kumplessiv tal-valur ta' prodotti lilu mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta` attrici kif hawn fuq spjegat.

Bl-ispejjez, inkulz dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni kawtelatorju pprezentat kontestwalment fil-konfront tas-socjeta` konvenuta RFR Limited, u tar-rikors ipprezentat kontestwalment ghan-nomina ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-interessi tal-assenti konvenut Lachlan; u bl-imghax legali dekorribbli fil-konfront taz-zewg debiti b' effett mill-1 ta' Jannar 2005 sad-data tal-pagament effettiv, kontra z-zewg konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` atturi a fol. 3 u 4 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 5 sa 15 tal-process.

Rat ir-rikors tas-socjeta` Coloured Cement International Limited datat 5 ta' Awissu 2005 a fol. 27 tal-process fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti sabiex tinnomina kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-intimat Terrence Brett Lachlan u d-digriet datat 8 ta' Awissu 2008.

Rat in-nota ta' Terrence Brett Lachlan datata 30 ta' Awwissu 2005 a fol. 24 tal-process li biha assuma l-atti tal-kawza bhala konvenut ghaliex kien jinsab li jinsab f'Malta; u l-Qorti awtorizzat lill-konvenut jassumi l-atti kif degretat fit-30 ta' Awissu 2005.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Terrence Brett Lachlan datata 30 ta' Awwissu 2005 a fol. 16 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi fl-ewwel lok mhux minnu illi l-eccipjenti ghandu xi debitu *verso* s-socjeta` Coloured Cement International Limited, anzi hi s-socjeta` attrici li ghandha debitu *versu* l-

konvenut u ghal dan il-fini l-eccipjenti qed jipprevalixxi ruhu mil-ligi biex jaghmel kontro talba kontra s-socjeta` attrici.

2. Illi s-socjeta` attrici ma ghandha ebda relazzjoni guridika mas-socejta` RFR Limtied u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju *stante* li kull ftehim ta' kummerc li sar, sar bejn is-socjeta` attrici u l-konvenut personalment.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni ta' Terrence Brett Lachlan a fol. 17 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument anness a fol. 17 u 18 tal-process.

Rat **il-kontro-talba** tal-konvenut Terrence Brett Lachlan datata 30 ta' Awissu 2005 fejn ppremetta li:-

Illi bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut li kien qed jagixxi bl-isem Beton Decor France kien hemm ftehim ta' bejgh u xiri ta' prodotti tac-cement minghand is-socjeta' attrici kif ukoll ftehim ta' bejgh b'kommissjoni tal-prodotti tas-socjeta' attrici lil socjetajiet esteri fi Franza.

Illi *inoltre* l-konvenut Terrence Brett Lachlan in esekuzzjoni ta' dan il-ftehim ukoll ghamel spejjez ta' vjaggar u spejjez ohra konnessi mal-ftehim.

Illi s-socjeta' attrici wkoll ghandha taghmel tajjeb ghal materjal, xoghol u mano d'opera hazin li bieghet lill-konvenut.

Illi b'kollox l-konvenut ghandu jiehu minghand is-socjeta' attrici s-somma ta' sebgha erbghin elf, sitt mija u tmintax punt sitta u sebghin ewro (€47,618.76).

Illi s-socjeta' attrici ghalkemm ammettiet li dan l-ammont hu dovut baqghet ma' hallsitx minghajr raguni valida fil-ligi.

Illi ghalhekk l-istess konvenut talab li din il-Qorti:-

(1) Tikkundanna lis-socjeta’ attrici thallas lill-konvenut s-somma ta’ sebgha u erbghin elf, sitt mija u tmintax punt sitta u sebghin ewro (€47,618.76) ekwivalenti ghall-ghoxrin elf Lira Maltija (Lm20,000) jew somma verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti, rapprezentanti l-ammont dovut lill-konvenut Terence Lachlan ghall-kommissjonijiet u spejjez u danni involuti lilu in konsegwenza tal-ftehim bejn il-partijiet.

Bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali mid-data tas-somom dovuti u bl-ingunzjoni tas-socjeta’ attrici in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ Terrence Brett Lachlan a fol. 21 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument anness a fol. 22 u 23 tal-process.

Rat in-nota ta’ Terrence Brett Lachlan datata 30 ta’ Awwissu 2005 a fol. 24 tal-process li biha rrefera ghal bandu tal-kuraturi u assuma l-atti tal-kawza f’ismu bhala konvenut peress li jinsab li jinsab f’Malta; u l-Qorti kif diversament presjeduta laqghet it-talba bid-digriet taghha moghti fid-19 ta’ Settembru 2005.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` Coloured Cement International Limited ghall-kontro-talba tal-konvenut Terrence Brett Lachlan datata 14 ta’ Settembru 2005 a fol. 44 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet tal-konvenut huma nfondati filfatt u fid-dritt u jimmeritaw illi jigu respinti bl-ispjejjez kontra l-istess konvenut, *stante* illi ma huwiex minnu illi s-socjeta` attrici tinsab debitrici tal-konvenut u dan kif rikonoxxut mill-istess konvenut fil-prospett illi huwa stess kien hejja u prezenta lill-istess socjeta` attrici – hawn ezebita bhala dokument “CCI” minn fejn jirrizulta illi skont il-kalkoli tieghu stess, il-konvenut kien ghad fadallu jhallas lis-socjeta` attrici mill-anqas is-somma ta’ €40,784,62.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta` attrici qatt ma accettat li taghmel tajjeb ghal xi materjal u/ jew xoghol u mano d'opera hazin, salv ghall-ammonti biss indikati bhala 'miscellaneous' fl-anness Dokument "CCI", *oltre* li l-istess socjeta` attrici qatt ma ezegwiet xoghol u mano d'opera fuq l-inkarigu tal-konvenut. *Oltre* dan *ai termini* tal-ftehim milhuq bejn il-kontendenti, l-obbligu tas-socjeta` attrici li taghmel tajjeb ghal materjal hazin kien dejjem ristrett ghall-obbligu tas-socjeta` attrici li tirrimpjazza dak il-materjal hazin, minghajr ebda responsabbilta` ghal kwalsiasi danni naxxenti mill-istess. Konsegwentement, kwalsiasi danni pretizi, in eccess ta' dawk indikati fl-anness Dokument "CCI", huma kategorikament respinti bhala infondati.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici ghall-kontro-talba konvenut a fol. 45 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument anness a fol. 46 u 47 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuchieri ghas-seduta tat-22 ta' Novembru 2005.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta RLR Limited (fol. 59) tal-process fejn gie eccepiet:-

(1) Illi ma hemm ebda rabta jew relazzjoni guridika bejn is-socjeta' attrici u RFR Limited u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

(2) Illi qatt ma kien hemm ebda relazzjoni kummercjali jew assunzjoni ta' xi debitu jew akkordju bejn is-socjeta' konvenuta u l-istess socjeta' attrici. *Semmai* kull ftehim li seta kien hemm kien dejjem bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut Terence Brett Lachlan personalment.

(3) Illi s-socjeta' konvenuta ma ghandha taghti xejn lis-socjeta' attrici.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta tal-1 ta’ Frar 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Mark Chetcuti ghall-konvenuti. Is-socjeta` attrici u d-difensur taghha msejhin diversi baqghu ma dehrux. Il-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-rikorsi tas-socjeta` Coloured Cement International Limited datati 17 ta’ Jannar 2006 u 3 ta’ Frar 2006 (fol. 58) fejn is-socjeta` attrici talbet ir-riappuntament tal-kawza u b’digriet datat 20 ta’ Frar 2006 (fol. 232) il-Qorti laqghet it-talba u rriappuntat il-kawza ghas-smigh ghat-30 ta’ Marzu 2006.

Rat s-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici Coloured Cement International Ltd datata 3 ta’ Marzu 2008 a fol. 406 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuti Terrence Brett Lachlan u s-socjeta` RFR Ltd. datata 30 ta’ Mejju 2008 a fol. 419 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta tal-5 ta’ Gunju 2008 fejn d-difensuri trattaw il-kaz u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Novembru 2008.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn is-socjeta’ attrici qed tghid li hija kellha tiehu l-ammont ta’ €40,784.62 minghand il-konvenut u dan rapprezentanti prezz ta’ prodotti forniti lilu mis-socjeta’ attrici sa’ Dicembru 2004, li minnhom, l-istess konvenut hallas ghan-nom tas-socjeta’ attrici s-somma ta’ €35,764.54 (Dok. “B” sa Dok. “D”) lis-socjeta’ konvenuta RFR Limited, sabiex l-istess socjeta’ takkwista proprjeta’ immobiljari li fil-fatt akkwistat, izda li jirrizulta li s-s-socjeta’ attrici, baqghet ma hadet xejn minghand l-istess socjeta’ konvenuta, u allura l-azzjoni attrici qed titlob il-hlas ta’ l-ammont lura lilha tas-somma ta’ €35,764.54, u l-bilanc, li xorta wahda baqa’ dovut mill-konvenut, fl-ammont ta’ €5,021.08 ovvjament minghand l-istess konvenut.

Illi l-konvenut qed jghid li mhux biss ma ghandu jaghti xejn lis-socjeta’ attrici, izda jsostni li ghandu jiehu minghand l-istess socjeta’ attrici l-ammont ta’ €47,618.76 (fol. 23) bhala kommissjonijiet, u spejjez u danni dovuti lilu minhabba xoghol hazin effetwat mill-istess socjeta’ attrici.

Illi s-socjeta’ konvenuta minn naha l-ohra tghid li ma ghandha l-ebda relazzjoni mas-socjeta’ attrici.

Illi jirrizulta li s-socjeta’ attrici kienet qabdet lill-konvenut sabiex jagixxi bhala agent ghall-prodotti taghha gewwa Franza (Dok. “CCI 4”) u ghalkemm gie pattwiet (klawsola 7) li tali prodotti jigu mhallsa qabel il-konsenja taghhom, mhux hekk sar mal-konvenut, peress li kien ghadu qed jistabilixxi ruhu u fil-fatt beda jiehu xoghol anke taht l-istess ta’ Beton Decor France bla ma jhallas; gara izda li l-ammont dovut lis-socjeta’ attrici kien telgha mhux hazin, u rapprezentanti tas-socjeta’ attrici meta marru Franza skoprew li l-konvenut kien qed juza l-flus sabiex jibni d-dar li kellu gjo Franza; issugerixxa li minhabba n-natura tax-xoghol tieghu ikun ahjar kieku jixtru mahzen ghall-istess prodotti, liema mahzen kellhu jinxtara bejn l-istess socjeta’ attrici (CCI) u l-konvenut BDR. Fil-fatt dak li eventwalment gara kien li gew registrati zewg socjetajiet wahda minnhom is-socjeta’ konvenuta RFR Limited fl-24 ta’

Settembru 2001 (RFR – Dok. “CCI 7”), fejn l-azzjonista tal-istess kien l-istess konvenut tramite s-socjeta’ hemm indikata, mentri d-direttur taghha kienet is-socjeta’ Fibremar Services Limited (li kienet *parent company* tal-FS Group – b’ishma wkoll fic-CCI) u fil-fatt wara rizoluzjoni datata 22 ta’ Settembru 2001 ta’ RFR Limited iffirmata minn Bonaventura Farrugia sabiex l-istess socjeta’ konvenuta takkwista l-istess proprjeta, l-immobbli giet akkwistata effetivament mis-socjeta’ konvenuta RFR fit-23 ta’ Ottubru 2001 (Dok. “D”), u dan wara li l-konvenut ghan-nom tas-socjeta’ attrici (CCI) kien hallas lis-socjeta’ konvenuta fit-28 ta’ Settembru 2001 l-ammont ta’ €28,965.31 sabiex l-istess socjeta’ RFR takkwista l-istess proprjeta’ (Dok. “B”) u sussegwentement fil-31 ta’ Ottubru 2001 (Dok. “C”) thallas ukoll mill-konvenut ghan-nom tas-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta RFR l-ammont ulterjuri ta’ €6,799.23 ghall-ispejjez, inkluzi taxxi, konnessi max-xiri tal-istess proprjeta, liema somom imhallsa jammontaw proprju ghas-somma ta’ €35,764. 54 rikjesti fic-citazzjoni attrici minghand is-socjeta’ konvenuta.

Illi gara li wara dan kien hemm dizgwid serju bejn l-istess konvenut u s-socjeta’ attrici naxxenti wkoll mill-fatt li l-istess konvenut ried jakkwista self garantit bil-mahzen akkwistat mis-socjeta’ RFR Limited li fuqu kien sar bini ulterjuri ta’ appartament, izda peress li s-socjeta’ attrici (CCI) u s-socjeta’ Fibermar Services Limited (bhala direttur ta’ RFR) ghamlet l-istess, il-konvenut waqqaf ir-relazzjoni tieghu mas-socjeta’ attrici, u baghat il-prodotti li kien ghad baqghlu ghandu Malta u ghamel rendikont ta’ kollox sad-data meta l-ftehim ta’ agenzija gie terminat fil-31 ta’ Dicembru 2004 u fejn kien jirrizulta li l-konvenut kellu jaghti lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ €40,784.62 skond dokument redatt minnu stess (Dok. “A”) u dan apparti li kellhu jsir ftehim kif tinbiegh l-proprjeta’ fi Franza.

Illi jidher li saru diskussjonijiet f’dan il-kuntest bejn il-partijiet skond minuti bejn id-dati tal-21 ta’ April sas-26 ta’ April 2005 f’Malta (Dok. “CCI 12”) fejn jinghad li l-ammont dovut mill-konvenut sal-31 ta’ Dicembru 2004 kien proprju ta’ €40,784.62. Saru trattattivi sabiex jinbiegh l-istess mahzen, sabiex kull parti tiehu l-ammonti li kienet halset u

jkun hemm profitt ghal kull parti (tali minuti ma gewx iffirmati mill-konvenut ghaliex sostna li ried jurihom lill-*accountant* tieghu u fil-fatt il-minuti esebiti baqghu mhux iffirmati ghalkemm kkonfermati bil-gurament mix-xhieda ta' Bonaventura Farrugia u Brain Spiteri (affidavits taghhom Dok. "BF" u "BS") li kienu prezenti ghall-istess inkontri.

Illi kif wasal Franza nehha lis-socjeta' EMCS Services Limited bhala azzjonista tal-istess socjeta' RFR Limited u dawn gew akkwistati mis-socjeta' I.B.S Limited u tnehhiet ukoll is-socjeta' Fibremar Services Limited bhala direttur tal-istess u minflok giet appuntata kumpanija ohra bl-isem ta' Tricor Corporate Services Limited b'rizoluzjoni datata l-1 ta' Dicembru 2005 (Dok. "CCI 1" u Dok. "CCI 3" fejn ghas-socjeta' IBSL dehru Dr. Mark Chetcuti u Mr. Chris Sammut) u eventwalment fil-21 ta' Dicembru 2005 il-konvenut gie nominat bhala direttur uniku tal-istess socjeta' (fol. 88) u b'hekk l-istess konvenut akkwista kontroll totali tal-istess immobbli. B'hemm minhabba dan kollu l-istess socjeta' attrici pprocediet sabiex s-socjeta' konvenuta RFR Limited thallasha lura l-ammont ta' €35,764.54 li kienet irceviet minghandha tramite l-konvenut kif jidher mid-dokumenti "B" u "C" annessi mac-citazzjoni attrci u l-bilanc ta' €5.071.08 (mis-somma ta' €40,785.62) li l-konvenut kien ghad baqghalu jhallas.

Illi din il-Qorti thoss li ma hemm l-ebda dubju li l-kuntratti ghandu jigu esegwiti *in bona fede* (**artikolu 993 tal-Kap. 16)** b'dan li l-Qorti ma ghandhiex thalli lill min jagixxi in *mala fede* jiehu vantagg mill-istess iktar u iktar meta l-ligi taghna hija mibnija fuq il-*bona fides* **("Edward Enriquez et vs Avukat Dr. Anthony Farrugia"** – P.A (GCD) – 12 ta' Ottubru 2005) u **"Lawrence Fenech et vs Simon Interiors Limited"** (P.A. (RCP) – 27 ta' Gunju 2002) u fid-dawl ta' dan il-principju u dak li l-oneru ta' prova tispetta lil min jallega u/jew jvanta pretensjoni, jirrizulta li mill-provu prodotti inkluzi mid-dokumenti esebiti li l-istess ammonti reklamati mis-socjeta' attrici gew ippruvati mhux l-inqas mid-Dok. "A" preparat mill-istess konvenut stess, u wkoll mill-minuti esebiti bhala Dok. "CCI 12", u fil-verita' jirrizulta li l-ammont tas-socjeta' attrici huwa anke iktar minn hekk

kif jidher mid-Dok. “CCI 15” (fol. 134) fejn jidher li l-ammont realment dovut huwa dak ta’ €54,041.10, (ara wkoll dokumenti “CCI 15a" sa “CCI 15 f” – fol. 135 sa fol. 230). Issir riferenza wkoll ghad-Dok. “CCI” a fol. 47 tal-process li kien preparat mill-konvenut stess fejn jidher li kien ammess minnu li l-ammont li kien dovut minn BDF (il-konvenut) lill CCI kien ta’ €40,784.62 u f’dan il-kuntest jinghad li l-konvenut lanqas biss jaghmel riferenza ghall-istess dokument fl-ebda stadju tal-kawza.

Illi jinghad li l-konvenut jidher li ma qabilx mal-ammonti pretizi mis-socjeta’ attrici  u s-socjeta’ konvenuta tghid li s-socjeta’ attrici ma ghandha l-ebda interess u relazzjoni maghha, izda dan ma jispjegax allura kif u ghaliex saru l-pagamenti mill-konvenut lis-socjeta’ konvenuta RFR ghan-nom tas-socjeta’ attrici CCI (Dok. “B” u “C”) u ghaliex saret ir-rizoluzzjoni iffirmata minn Bonaventura sive Arthur Farrugia bhala direttur ta’ RFR Limited sabiex il-konvenut jidher ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta ghall-akkwist tal-istess mahzen fi Franza, u wkoll kif minkejja dan kollu tnehhew l-azzjonisti u d-diretturi tas-socjeta’ konvenuta, fejn allura s-socjeta’ attrici kienet rapprezentata, sakemm huwa sar l-unika direttur tal-istess socjeta’ konvenuta b’kontroll totali tal-istess immobbli fi Franza.

Illi naturalment ma hemm l-ebda prova la minnu u lanqas mis-socjeta’ konvenuta li dawn il-flus thallsu lura u jekk ma thallsux ghaliex dan ma sarx u dan minkejja l-kontenut tal-affidavits tal-konvenut datati 28 ta’ April 2006 u dak esebit man-nota tal-konvenut datata 11 ta’ Jannar 2007 (fol. 367 *et sequitur* tal-process).

Illi fl-istess waqt fl-imsemmija xhieda tal-konvenut stess ma hemm l-ebda spejgazzjoni tad-Dok. “A” u Dok. “CCI” maghmula minnu fejn hemm ammess l-ammont dovut minnu imsemmi fl-ewwel parti tal-azzjoni attrici u wkoll ma jaghti l-ebda spjegazzjoni kif allura, la darba kien qed jikkontesta tali *invoices,* ghaliex huwa approva r-rendikont tad-debitu minnu dovut almenu sat-8 ta’ Ottubru 2001 (Dok. “CCI 14”), li kien jinkludi allura l-valur tal-*invoices* kollha li nhargu ghas-snin 2000 u 2001 u li huma elenkati

fid-Dok. “CCI 15” u “CCI 15a” (fol. 136 sa 165) esebiti mis-socjeta’ attrici. Jidher ghalhekk li kien biss f’dawn il-proceduri li l-istess konvenut qed jghid li l-ammonti fl-istess *invoices* huma hziena jew minfuha. Ovvjament ma hemm l-ebda spjegazzjoni ghaliex l-istess Dok. “CCI 14” minnu approvat lanqas jaqbel mal ammonti indikati fid-dokumenti esebiti mill-konvenut mal-ewwel affidavit tieghu.

Illi l-Qorti tinnota wkoll li skond l-imsemmi Dok. “CCI” (fol. 47) fejn l-ammont ammess mill-konvenut li gie provdut lilu kien ta’ €210,453.04, ivvarja minn dak minnu prezentat mal-kontro-talba tieghu  li huwa l-ammont ta’ €127,464.84 (fol. 23) u wkoll huwa differenti minn dak citat minnu fl-ewwel affidavit tieghu fejn is-somma ta’ materjal provdut nizlet ghall-valur ta’ €116,598.63 (fol. 243 u 244).

Illi dwar l-*invoices* jinghad li jirrizulta ppruvat li dawk effettivament huma applikabbli ghall-kaz in ezami huma dawk esebiti mis-socjeta’ attrici u dwar l-*invoices* li oggezzjona ghalihom il-konvenut, fis-sens li huma *inflated,* dawn jidher li gew spejgati fl-affidavit immarkat bhala  Dok. “AF2” fejn jidher car li l-konvenut llum qed jipprova japprofitta ruhu minn sistema ta’ *double invoicing* li kienet qed tigi utilizzata fuq xi fatturi fuq rikjesta u beneficcju tieghu stess u f’dan il-kuntest issir riferenza ghall-paragrafu 1 tal-istess affidavit minn fol. 321 sa fol. 326 tal-process.

Illi jinghad li dak li ukoll jissostanzja t-tezi attrici huwa l-fatt li  skond Dok. “CCI 20”, li jirreferi ghall-istokk li hadet lura s-socjeta’ attrici minghand il-konvenut, jirrizulta li dan haditu lura skond il-valur indikat mill-istess konvenut innifsu (Dok. “CCI 15b) u allura skond il-valuri indikati fid-dokument “CCI 15” u dan jikkonferma ghalhekk it-tezi attrici; altrimenti skond it-tezi tal-konvenut ikun ifisser li s-socjeta’ attrici tkun hadet lura oggetti b’valur ghola milli hija kienet fornithom lill konvenut – haga li certament ma taghmilx sens. Dan apparti li d-Dok. “CCI 15 b” (fol. 166) huwa approvat mill-konvenut stess u l-valuri tal-istess jaqblu mal-valur ta’ *invoices* esibiti mis-socjeta’ attrici u allura jikkontrastaw ma’ dawk illum citati mill-konvenut.

Illi dwar l-*invoices* li l-konvenut qal li ma rcevhiex din l-allegazzjoni jew vantazzjoni tidher li giet kontradetta minn dak indikat fl-istess affidavit tat-13 ta' Novembru 2006 f'paragrafu 2 tal-istess u d-dokumenti li saret riferenza ghalihom fl-istess parti tal-affidavit; dwar it-*transfers* jidher li l-istess konvenut kkonsidra bhala pagament tieghu pagament li sar minnu ghan-nom tad-ditta Prochallange fl-ammont ta' €9,291, u fejn jidher li wkoll ikkonsidra l-hlas ulterjuri ta' 2,233 Dollari Awstraljani doppjament, meta dan kien qed jirreferi ghall-pagament jew *transfer* wiehed relattiv ghall-fattura F/002/00. Dawn l-ezempji li juru kemm it-tezi tal-istess konvenut ma tistax tigi emnuta u kemm huwa mexa *in mala fede* u jidher li t-tezi tieghu hija kontrastata fuq kull dettal u/jew lamentela mill-provi cari migjuba mid-socjeta' attrici.

Illi *in vista* ta' dan kemm l-eccezzjonijiet tal-konvenut u kemm il-kontro-talba tieghu ma jistghux jigu accettati u dan peress li ma gew bl-ebda mod ippruvati u dan peress li jirrizulta li l-ammont ta' konsenji effettwati lill-konvenut kienu dawk ta' €210,453.04 u mhux dak indikat fil-kontro-talba tieghu fl-ammont ta' €127,464.84 (fol. 23) u lanqas dak citat minnu fl-ewwel affidavit ta' €116,598.63 (fol. 243 u 244).

Illi dwar l-ammonti li kienu dovuti mis-socjeta' attrici lill-konvenut konsistenti f'*returns* fl-ammont ta' €66,236.58 (Dok. "CCI 15b), *commissions* ta' €30,082.39 (Dok. "CCI 15d), *refunds* fl-ammont ta' €12,790.94 (Dok. "CCI 15e), u *Miscellaneous* fl-ammont ta' €3,866.27, (Dok. "CCI 15f), dawn kollha gew debitament imnaqqsa mill-valur ta' materjal fornit kif jidher mid-Dok. "CCI 15" u b'hekk dan iwassal ghall-bilanc fl-ammont ta' €40, 784.62.

Illi kif inghad dan l-ammont dovut mis-socjeta' konvenuta jinghad li l-ammont pretiz ta' €35,764.54 huwa parti mid-debitu li kellu l-konvenut mas-socjeta' attrici, li intuza sabiex jithallas mill-konvenut ghan-nom tas-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta RFR Limited sabiex jigi akkwistat il-mahzen esteru, u li s-socjeta' konvenuta naqset li tirrifondi lura lis-socjeta' attrici, anke minhabba kif tmexxiet l-istess socjeta' konvenuta, li qatghet l-interess tas-socjeta' attrici

fiha l-barra, b'dan li l-ammont li l-konvenut hallas lilha ghan-nom tas-socjeta' attrici qatt ma gie rifuz lis-socjeta' attrici u allura ghadu dovut mis-socjeta' RFR Limited. Ghalhekk l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta qed jigu michuda.

Illi kwantu ghall-ammont ta' €5,021.08 li s-socjeta' attrici qed titlob li jithallas mill-konvenut dan huwa l-bilanc mis-somma ta' €40,785.62 li kienu dovuti mill-konvenut lis-socjeta' attrici (ghall forrnituri li saru lilu), wara li huwa ghan-nom ta' l-istess socjeta' attrici hallas l-ammont ta' €35, 764.54 lis-socjeta' konvenuta. Ghalhekk it-talbiet attrici kif proposti qed jigu milqugha, fil-waqt li l-kontro-talba tal-konvenut qed tigi michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tas-socjeta' konvenuta, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta RFR Limited thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamsa u tletin elf seba' mija u erbgha u sittin punt erbgha u hamsin ewro (€35,764.54), rapprezentanti somom versati mis-socjeta` attrici favur l-imsemmija socjeta` konvenuta kif hawn deciz;

2. Tikkundanna lill-konvenut Terrence Brett Lachlan li jhallas lis-socjeta` attrici s-somma bilancjali ta' hamest elef wiehed u ghoxrin punt tmienja ewro (€5,021.08) rapprezentanti l-bilanc kumplessiv tal-valur ta' prodotti lilu mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta` attrici kif hawn fuq spjegat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni kawtelatorju fil-konfront tas-socjeta` konvenuta RFR Limitedipprezentat kontestwalment mac-citazzjoni attrici, u tar-rikors ipprezentat kontestwalment ghan-nomina ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-interessi tal-

assenti konvenut Lachlan; u bl-imghax legali dekorribbli fil-konfront taz-zewg debiti b' effett mill-1 ta' Jannar 2005 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut u s-socjeta' konvenuta solidalment bejniethom.

Illi ghal dak li hija kontro-talba tal-konvenut din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi fil-waqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici, **tichad it-talba tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu** *stante* li hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez tal-kontro-talba tal-konvenut a karigu tal-istess konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------